

Dispożittiv

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' revizzjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta d-dritt għad-danni minħabba ksur tad-dritt tal-kuntratti pubbliċi minn awtorità kontraenti għall-kundizzjoni ta' ħtija ta' dan il-ksur, inkluż meta l-applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni tkun ibbażata fuq preżunzjoni ta' ħtija tal-imsemmija awtorità kontraenti kif ukoll fuq in-nuqqas ta' possibbiltà li din l-awtorità tinvoka n-nuqqas ta' kapaċitajiet individwali u, għaldaqstant, fuq ir-responsabbiltà suġġettiva għall-ksur allegat.

(¹) ĠU C 267, 07.11.2009

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-30 ta' Settembru 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Baranya Megyei Bíróság — Ir-Repubblika tal-Ungherija) — Uszodaépítő Kft vs APEH Központi Hivatal Hatósági Főosztály

(Kawża C-392/09) (¹)

(“Sitt Direttiva tal-VAT — Direttiva 2006/112/KE — Dritt għat-tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Leġiżlazzjoni nazzjonali ġdida — Rekwiżiti dwar il-kontenut tal-fattura — Applikazzjoni b'effett retroattiv — Telf tad-dritt għal tnaqqis”)

(2010/C 317/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Baranya Megyei Bíróság

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Uszodaépítő Kft

Konvenuta: APEH Központi Hivatal Hatósági Főosztály

Suġġett

Interpretazzjoni tal-Artikoli 17 u 20 tad-Direttiva 77/388/KEE: Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23), kif ukoll tal-prinċipji ġenerali tad-dritt Komuni-

tarju — Leġiżlazzjoni nazzjonali ġdida dwar il-VAT li tagħti lill-persuni taxxabli d-dritt li jagħżlu l-applikazzjoni tagħha, anki b'effett retroattiv, għal negozju pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha — Applikazzjoni b'effett retroattiv, taħt piena tat-telf tad-dritt għal tnaqqis, ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar ir-rekwiżiti tal-kontenut tal-fattura.

Dispożittiv

L-Artikoli 167, 168 u 178 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni retroattiva ta' liġi nazzjonali li, fil-kuntest ta' sistema ta' reverse charges, tissuġġetta t-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud relatata ma' xogħol ta' kostruzzjoni għar-rettifika tal-fatturi relattivi għall-imsemmija tranżazzjonijiet u għall-preżentata ta' dikjarazzjoni rettifikattiva addizzjonali, meta l-awtorità fiskali kkonċernata jkollha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tistabbilixxi li l-persuna taxxabli hija suġġetta għat-taxxa fuq il-valur miżjud bħala destinatarija tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni u sabiex tivverifika l-ammont tat-taxxa li tista' tintnaqqas.

(¹) ĠU C 11, 16.01.2010.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-30 ta' Settembru 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Naczelny Sąd Administracyjny Izba Finansowa Wydział I — Ir-Repubblika tal-Polonja) — Oasis East sp z o.o. vs Minister Finansów

(Kawża C-395/09) (¹)

(Sitt Direttiva tal-VAT — Direttiva 2006/112/KE — Adeżjoni ta' Stat Membru ġdid — Dritt għat-tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi d-dritt għat-tnaqqis tat-taxxa marbuta ma' ċerti prestazzjonijiet ta' servizzi — Sieħba kummerċjali stabbiliti f'territorju kkwalifikat bħala “tax haven” — Fakultà għall-Istati Membri li jżommu regoli ta' esklużjoni tad-dritt għat-tnaqqis fil-mument tad-dħul fis-seħħ tas-Sitt Direttiva VAT)

(2010/C 317/19)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Naczelny Sąd Administracyjny Izba Finansowa Wydział I

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Oasis East sp z o.o.

Konvenut: Minister Finansów

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Naczelny Sąd Administracyjny — Interpretazzjoni tal-Artikolu 17(6) tad-Direttiva 77/388/KEE: Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23) kif ukoll tal-Artikolu 176 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 347, p. 1) — Liġijiet nazzjonali, diġà fis-seħħ qabel is-sħubija, li teskludi d-dritt għal tnaqqis tat-taxxa fuq l-għoti ta' servizzi li l-ħlas tagħhom isir għall-benefiċċju ta' persuna ta' dritt li għandha r-residenza tagħha, l-uffiċċju rreġistrat tagħha jew l-amministrazzjoni ċentrali tagħha f'territorju kkunsidrat bħala "tax haven".

Dispożittiv

L-Artikolu 17(6) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, hekk kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 95/7/KE, tal-10 ta' April 1995, li d-dispożizzjonijiet tiegħu, essenzjalment, huma riprodotti fl-Artikolu 176 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jawtorizzax iż-żamma ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, applikabbli fil-mument tad-dħul fis-seħħ tas-Sitt Direttiva 77/388 fl-Istat Membru kkonċernat, li jeskludi b'mod ġenerali d-dritt għat-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud tal-input imħallsa minħabba l-akkwist ta' servizzi importati, li l-prezz tagħhom huwa mħallas direttament jew indirettament lil persuna stabbilita fi Stat Membru jew f'territorju kkwalifikat bħala "tax haven" mill-imsemmija leġiżlazzjoni

(¹) ĠU C 312, 19.12.2009.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-30 ta' Settembru 2010 — Evets Corp. vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-479/09 P) (¹)

(“Appell — Trade mark Komunitarja — Trade mark verbali DANELECTRO — Trade mark figurattiva QWIK TUNE — Talba għal tiġdid tar-reġistrazzjoni tat-trade mark — Applikazzjoni għal restitutio in integrum — Nuqqas ta' osservanza tat-terminu għall-preżentata tat-talba għal tiġdid tar-reġistrazzjoni tat-trade mark”)

(2010/C 317/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Evets Corp. (rappreżentant: S. Ryan, Solicitor)

Appellat: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (L-Ewwel Awla) tat-23 ta' Settembru 2009, Evets vs UASI (Kawżi magħquda T-20/08 u T-21/08), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadhet rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni R 603/2007-4 tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tal-5 ta' Novembru 2007, li tiċħad ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Amministrazzjoni ta' Trade marks u tad-Diviżjoni Legali u li tiddikjara li l-applikazzjoni “*restitutio in integrum*”, ippreżentata mill-appellanti sabiex terġa' tikseb id-drittijiet tagħha dwar it-tiġdid tat-trade mark verbali “DANELECTRO”, għandha titqies li ma ġietx ippreżentata peress li ġiet ippreżentata tard — Nuqqas ta' osservanza tat-terminu għall-preżentata tal-applikazzjoni għat-tiġdid tat-trade marks

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Evets Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 24, 30.01.2010

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-30 ta' Settembru 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ċeka

(Kawża C-481/09) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Direttiva 2006/7/KE — Kwalità tal-ilma għall-għawm — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)

(2010/C 317/21)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Pardo Quintillán u M. Thomannová-Körnerová, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek u J. Jirkalová, aġenti)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta jew li jikkomunika, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Frar 2006, dwar l-immaniġġjar tal-kwalità tal-ilma għall-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE (ĠU L 64, p. 37).